MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 697/2012

**Alberta Fire & Security Equipment Limited (C-6606)**
**Vs**
**Riche Entertainment Limited (C-49316)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attriċi ppremmettiet illi f'Awwissu 2010, s-socjeta' rikorrenti giet inkarigata mis-socjeta' intimata sabiex tikkonsenja lill-istess intimati materjal ta' sigurta u tinstalla l-istess u tipprovdilu wkoll servizzi relatati; illi s-socjeta' mittenti kkonsenjat dawn l-oggetti lill-intimata u pprovdiet is-servizzi kif mitluba taghmel; illi l-bilanc tal-prezz ta' dan il-materjal kif ukoll is-servizzi rezi huwa ta' tlett elef mija u tnejn u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€3192.63) u dan kif jirrizulta mill-fattura kopja annessa u mmarkata Dok A; illi l-ammont hawn indikat sa llum baqa' ma thallasx; illi ghalkemm is-socjeta' intimata giet interpallata diversi drabi verbalment sabiex thallas, dan il-kreditu baqa' ma tħallasx; ghaldaqstant is-socjeta' attrici filwaqt illi tagħmel referenza għas-suespost titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex

jikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas l-imsemmi ammont ta’ tlett elef mija u tnejn u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€3192.63) dovuta lis-socjeta’ attrici rapprezentanti hlas ta’ oggetti mibjugha u kkonsenjata lill-intimati u hlas ta’ servizzi rezi lill-istess; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 974/12 u bl-imgħaxijiet kummercjali mid-data tas-servizzi rezi.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-2 ta’ Diċembru, 2011 mill-Avukat Dott. Damien Degiorgio w l-fatt li rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tlett elef mija u tnejn u disghin ewro u tlieta’ u sittin centezmu (€3192.63) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-servizzi rezi, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 974/12.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------